# Konsultazzjoni pubblika dwar l-ambizzjoni klimatika tal-UE għall-2030 u dwar it-tfassil ta' ċerti politiki tal-klima u tal-enerġija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

Il-Kaxxi mmarkati bi * huma obbligatorji.

## Introduzzjoni

It-tisħin globali qiegħed iseħħ u jaffettwa liċ-ċittadini filwaqt li jhedded is-sostenibbiltà tagħna fit-tul fuq din il-pjaneta. It-temperatura medja tal-pjaneta tagħna diġà żdiedet b'1 °C u bħalissa d-dinja mhijiex riesqa lejn l-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li jillimita l-bidla fit-temperatura taħt iż-2 °C, aħseb u ara taħt il-1.5 °C. Ir-rapport speċjali tal-2018 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima ta' 1.5 °C indika li mqar b'2 °C, id-dinja se ġġarrab impatti drammatiċi u potenzjalment irriversibbli minħabba t-tibdil fil-klima. Ix-xjenza hija wkoll ċara dwar ir-rabta mill-qrib u l-interdipendenza tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità.

L-UE ħadet pożizzjoni ta' tmexxija globali fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u ssegwi b'mod attiv il-politiki biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex dawn ma jintrabtux mat-tkabbir ekonomiku. Dan jippermetti lill-UE timmodernizza l-ekonomija u s-sistema tal-enerġija tagħha, sabiex ikunu sostenibbli fit-tul, u ttejjeb is-sigurtà tal-enerġija u s-saħħa taċ-ċittadini tagħha permezz ta' tnaqqis fit-tniġġis tal-arja.

L-UE diġà adottat leġiżlazzjoni dwar il-klima u l-enerġija biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Barra minn hekk, adottat leġiżlazzjoni ambizzjuża dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, li l-implimentazzjoni sħiħa tagħha hija stmata li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra lil hinn mill-mira eżistenti — b'madwar 45 % sal-2030. Bħala parti minn din il-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri qegħdin jiżviluppaw Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima biex jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi komuni tal-UE. Sakemm ma jiġux kumplimentati minn politiki oħra, il-leġiżlazzjoni miftiehma hi mistennija twassal għal madwar 60 % ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2050. Fl-2018, il-Kummissjoni pproponiet li l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050 billi tikkumpensa għal kwalunkwe emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun fadal permezz ta' assorbiment. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew approvaw dan l-objettiv fl-2019. Il-Kummissjoni pproponiet li tinkludi dan l-objettiv fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Skont l-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru, 93 % taċ-ċittadini tal-UE jqisu t-tibdil fil-klima bħala problema serja u maġġoranza sinifikanti tal-popolazzjoni tal-UE tixtieq tara żieda fl-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima. Bħala riflessjoni ta' dan u minħabba l-urġenza tal-klima u l-isfidi ekoloġiċi marbuta magħha, f'Diċembru 2019 il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Patt Ekoloġiku Ewropew bħala wieħed mill-prijoritajiet tagħha, li jinkludi lista ta' proposti li ġejjin, biex dan jitwettaq. Il-Patt Ekoloġiku jimmira, fost l-oħrajn, li jallinja l-politiki kollha tal-UE mal-objettiv tal-2050 dwar in-newtralità għall-klima, billi jibgħat sinjal bikri u prevedibbli lis-setturi u lill-atturi kollha biex jippjanaw għat-trasformazzjoni.

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi li żżid il-mira tal-UE għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra għal mill-inqas -50 % u lejn -55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, b'mod responsabbli. Il-Kummissjoni se tivvaluta bir-reqqa l-fattibilità u l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali taż-żieda tal-mira tal-2030. Din il-valutazzjoni se teżamina kif għandha tiżdied l-ambizzjoni b' mod li ttejjeb il-kompetittività tal-UE, tiżgura l-ġustizzja soċjali u l-aċċess għal enerġija sigura, affordabbli u sostenibbli u għal riżorsi materjali oħra, tibbenefika liċ-ċittadini u treġġa' lura t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali. Il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta pjan komprensiv biex iżżid il-mira klimatika tal-UE 2030 fit-tielet trimestru tal-2020.

Filwaqt li tibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-2030 u fuq il-pjan komprensiv li jmiss, il-Kummissjoni se tirrevedi u tipproponi li tirrevedi, fejn meħtieġ, il-leġiżlazzjoni rilevanti ewlenija dwar l-enerġija u l-klima sa Ġunju 2021. Dan se jinkludi sett koerenti ta' bidliet għall-qafas eżistenti għall-klima, għall-enerġija u għat-trasport tal-2030, b'mod partikolari relatat mad-Direttiva li tistabbilixxi sistema ta' skambji ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u r-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija, l-Istandards tal-Prestazzjoni tal-Emissjonijiet $CO_2$ għall-Karozzi u l-Vanijiet u, kif xieraq, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika.

**Din il-konsultazzjoni pubblika tistieden liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet jikkontribwixxu għall-valutazzjoni ta' kif għandha tiżdied l-ambizzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-UE għall-2030 b' mod responsabbli. Tajjeb li tkun taf li l-mistoqsijiet u s-suġġetti rilevanti jistgħu jiġu koperti wkoll taħt konsultazzjonijiet pubbliċi oħra bħal pereżempju l-Istrateġija dwar il-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", il-Pjan ta' Azzjoni biex jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Konsultazzjoni Mmirata għall-Evalwazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ħarsien tal-ambjent u l-Enerġija 2014-2020.**

## Gwida dwar il-kwestjonarju

Din il-konsultazzjoni pubblika tikkonsisti f'xi mistoqsijiet ta' introduzzjoni relatati mal-profil tiegħek, segwita minn kwestjonarju maqsum f'żewġ partijiet. **Tajjeb li tkun taf li m'intix obbligat twieġeb għaż-żewġ partijiet tal-kwestjonarju, u tista' tagħżel li timla parti waħda biss. Barra minn hekk, m'intix obbligat twieġeb il-mistoqsijiet kollha fil-kwestjonarju.**

L-ewwel parti tal-kwestjonarju tiffoka fuq l-ambizzjoni klimatika globali u kif jistgħu jikkontribwixxu l-azzjonijiet fis-settur tal-enerġija u f'setturi oħra. It-tieni parti hija aktar ta' natura teknika, u tinvestiga l-għażliet dwar kif jista' jittejjeb it-tfassil ta' politiki speċifiċi tal-UE u jaf tirrikjedi aktar għarfien espert.

L-**ewwel parti tal-kwestjonarju** titlob l-opinjoni dwar:

- L-ambizzjoni klimatika globali tal-UE għall-2030 u l-opportunitajiet u l-isfidi assoċjati magħha (Taqsima 1)
- Il-potenzjal settorjali fis-settur tal-enerġija kif ukoll fis-setturi l-oħra biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u l-istrumenti u l-azzjonijiet biex dan jinkiseb (Taqsima 2)
- Il-kundizzjonijiet abilitanti usa' u l-politiki relatati meħtieġa biex jitrawwem it-tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra (Taqsima 3)

It-**tieni parti tal-kwestjonarju** hi aktar teknika u tiffoka fuq it-tfassil tal-politiki tal-UE. Bħala tali, tfittex opinjonijiet dwar:

- It-tfassil ta' politiki speċifiċi dwar il-klima u l-enerġija (Taqsima 5)
- Il-politiki u ħidma ta' sensibilizzazzjoni tal-UE fil-pajjiżi terzi dwar it-tibdil fil-klima (Taqsima 6)

Fl-aħħar taż-żewġ partijiet, inti mistieden tipprovdi xi kumment addizzjonali li jista' jkollok u ttella' informazzjoni addizzjonali, dokumenti ta' pożizzjoni jew sommarju dwar il-politika li jesprimu l-pożizzjoni jew fehma tiegħek jew tal-organizzazzjoni tiegħek. Jekk tagħżel li timla ż-żewġ partijiet tal-kwestjonarju, jekk tkun se ttella' xi dokument ta' pożizzjoni jew sommarju dwar il-politika jekk jogħġbok tellagħhom darba biss.

Ir-riżultati ta' dan il-kwestjonarju kif ukoll id-dokumenti ta' pożizzjoni u s-sommarju tal-politika mtellgħin se jiġu ppubblikati online. Jekk jogħġbok aqra l-istqarrija speċifika ta' privatezza mehmuża ma' din il-konsultazzjoni għal tagħrif dwar kif id-*data* personali u l-kontributi tiegħek se jiġu ttrattati.

Fl-interess tat-trasparenza, jekk qed twieġeb f'isem organizzazzjoni, jekk jogħġbok irreġistra mar-reġistru tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jekk għadek ma għamiltx dan. Meta tirreġistra tkun qed tintrabat li tikkonforma mal-Kodiċi ta' Kondotta. Jekk ma tixtieqx tirreġistra, il-kontribut tiegħek jiġi ttrattat u ppubblikat flimkien ma' dak li jasal mingħand l-individwi.

## Dwarek

* Il-lingwa tal-kontribut tiegħi

- Iċ-Ċek
- Id-Daniż
- Il-Bulgaru
- Il-Finlandiż
- Il-Franċiż
- Il-Ġermaniż
- Il-Grieg
- Il-Kroat
- Il-Latvjan
- Il-Litwan
- Il-Malti
- Il-Pollakk
- Il-Portugiż
- Ir-Rumen
- Is-Slovakk
- Is-Sloven
- It-Taljan
- L-Estonjan
- L-Ingliż
- L-Irlandiż
- L-Ispanjol
- L-iżvediż

- L-Olandiż
- L-Ungeriż

* Qed nagħti l-kontribut tiegħi bħala

- Istituzzjoni akkademika/tar-riċerka
- Assoċjazzjoni tan-negozju
- Kumpanija/organizzazzjoni tan-negozju
- Organizzazzjoni tal-konsumatur
- Ċittadin tal-UE
- Organizzazzjoni ambjentali
- Ċittadin mhux tal-UE
- Organizzazzjoni nongovernattiva (NGO)
- Awtorità pubblika
- Trade union
- Oħrajn

* Isem

* Kunjom

* Indirizz elettroniku (dan mhux se jiġi ppubblikat)

* Ambitu

- Internazzjonali
- Lokali
- Nazzjonali
- Reġjonali

* Isem tal-organizzazzjoni

*massimu ta` 255 karattru(i)*

* Id-daqs tal-organizzazzjoni

- Mikro (bejn impjegat 1 u 9 impjegati)
- Żgħira (bejn 10 impjegati u 49 impjegat)
- Medja (bejn 50 impjegat u 249 impjegat)
- Kbira (250 impjegat jew aktar)

Numru tar-reġistru ta' trasparenza

*massimu ta` 255 karattru(i)*

Iċċekkja jekk l-organizzazzjoni tiegħek hijiex inkluża fir-[reġistru ta’ trasparenza](). Din hija bażi tad-*data* volontarja għall-organizzazzjonijiet li jippruvaw jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

* Pajjiż tal-oriġini

Jekk jogħġbok żid il-pajjiż tal-oriġini tiegħek, jew dak tal-organizzazzjoni tiegħek.

- Andorra
- Anguilla
- Antigua u Barbuda
- Aruba
- Barbados
- Bermuda
- Bonaire Sint Eustatius u Saba
- Cabo Verde
- Ċipru
- Clipperton
- Comoros
- Curaçao
- Dominica
- El Salvador
- Fiġi
- Franza
- Ġibiltà
- Greenland
- Grenada
- Guadeloupe
- Guam
- Il-Gwatemala
- Il-Gżejjer Åland
- Il-Gżejjer Cayman
- Il-Gżejjer Cocos (Keeling)
- Il-Gżejjer Cook
- Il-Gżejjer Faeroe
- Il-Gżejjer Falkland
- Il-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana
- Il-Gżejjer Marshall
- Il-Gżejjer Minuri Mbiegħda tal-Istati Uniti
- Il-Gżejjer Pitcairn
- Il-Gżejjer Solomon
- Il-Gżejjer Turks u Caicos
- Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi
- Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti
- Il-Gżira Bouvet
- Il-Gżira Christmas
- Il-Gżira Heard u l-Gżejjer McDonald
- Il-Gżira Norfolk
- Il-Haiti
- Il-Honduras
- Il-Paragwaj
- Il-Perù
- Il-Polineżja Franċiża
- Il-Polonja
- Il-Portugall
- Il-Qatar
- Il-Venezwela
- Il-Vjetnam
- In-Namibja
- In-Nepal
- In-Netherlands
- In-Niġer
- In-Niġerja
- In-Nikaragwa
- In-Norveġja
- Ir-Renju Unit
- Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
- Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo
- Ir-Repubblika Dominicana
- Ir-Rumanija
- Ir-Russja
- L-Awstralja
- L-Awstrija
- L-Ażerbajġan
- L-Eġittu
- L-Ekwador
- L-Emirati Għarab Magħquda
- L-Eritrea
- L-Estonja
- L-Eswatini
- L-Etjopja
- L-Indja
- L-Indoneżja
- L-Iran
- L-Iraq
- L-Irlanda
- L-Istati Uniti
- L-Istat tal-Belt tal-Vatikan
- L-Italja
- L-Iżlanda
- L-Iżvezja
- L-Iżvizzerà

- Guernsey
- Hong Kong
- Iċ-Ċekja
- Iċ-Chad
- Iċ-Ċilì
- Iċ-Ċina
- Id-Danimarka
- Il-Guinea
- Il-Bahamas
- Il-Bahrain
- Il-Bangladesh
- Il-Belarussja
- Il-Belġju
- Il-Belize
- Il-Benin
- Il-Bhutan
- Il-Bolivja
- Il-Botswana
- Il-Bożnija-Ħerzegovina
- Il-Brażil
- Il-Brunei
- Il-Bulgarija
- Il-Burkina Faso
- Il-Burundi
- Il-Costa Rica
- Il-Djibouti
- Il-Filippini
- Il-Finlandja
- Il-Gabon
- Il-Ġamajka
- Il-Gambja
- Il-Jemen
- Il-Kambodja
- Il-Kamerun
- Il-Kanada
- Il-Każakistan
- Il-Kenja
- Il-Kirgiżistan
- Il-Kolombja
- Il-Kongo
- Il-Korea ta' Fuq
- Il-Korea t'Isfel
- Il-Kosovo
- Il-Kosta tal-Avorju
- Il-Kroazja
- Il-Kuwajt
- Il-Laos
- Il-Latvja
- Il-Lesoto
- Il-Libanu
- Il-Liberja
- Il-Libja
- Il-Liechtenstein
- Il-Litwanja
- Il-Lussemburgu
- Il-Macao
- Il-Maċedonja ta' Fuq
- Il-Malasja
- Il-Malawi
- Il-Maldivi
- Il-Mali
- Il-Marokk
- Ir-Rwanda
- Isle of Man
- Is-Samoa Amerikana
- Is-Saħara tal-Punent
- Is-Senegal
- Is-Serbja
- Is-Seychelles
- Is-Sirja
- Is-Slovakkja
- Is-Slovenja
- Is-Somalja
- Is-Sri Lanka
- Is-Sudan
- Is-Sudan t'Isfel
- Is-Suriname
- It-Taġikistan
- It-Tajlandja
- It-Tajwan
- It-Tanzanija
- It-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika
- It-Territorju Brittaniku tal-Oċean Indjan
- It-Timor Leste
- It-Togo
- It-Tokelau
- It-Tuneżija
- It-Turkija
- It-Turkmenistan
- Iżrael
- Iż-Żambja
- Iż-Żimbabwe
- Jersey
- L-Oman
- L-Uganda
- L-Ukrajna
- L-Ungerija
- L-Urugwaj
- L-Użbekistan
- Madagascar
- Malta
- Martinique
- Mauritius
- Mayotte
- Monaco
- Montserrat
- Nauru
- New Caledonia
- New Zealand
- Niue
- Palau
- Papua New Guinea
- Puerto Rico
- Réunion
- Saint Barthélemy
- Saint Helena, Ascension u Tristan da Cunha
- Saint Kitts u Nevis
- Saint Lucia
- Saint Martin
- Saint Pierre u Miquelon
- Saint Vincent u l-Grenadini
- Samoa
- San Marino

- Il-Ġappun
- Il-Georgia
- Il-Georgia tan-Nofsinhar u l-Gżejjer Sandwich tan-Nofsinhar
- Il-Ġermanja
- Il-Ghana
- Il-Ġordan
- Il-Greċja
- Il-Guinea-Bissau
- Il-Guinea Ekwatorjali
- Il-Guyana
- Il-Guyana Franċiża
- Il-Mauritania
- Il-Messiku
- Il-Mikroneżja
- Il-Moldova
- Il-Mongolja
- Il-Montenegro
- Il-Mozambique
- Il-Myanmar /Burma
- Il-Pakistan
- Il-Palestina
- Il-Panama
- Kiribati
- Kuba
- L-Afganistan
- L-Afrika t'Isfel
- L-Albanija
- L-Alġerija
- L-Angola
- L-Antartika
- L-Arabja Sawdija
- L-Arġentina
- L-Armenja
- São Tomé u Príncipe
- Sierra Leone
- Singapore
- Sint Maarten
- Spanja
- Svalbard u Jan Mayen
- Tonga
- Trinidad u Tobago
- Tuvalu
- Vanuatu
- Wallis u Futuna

Jekk jogħġbok indika s-settur ekonomiku li inti attiv fih (bħala individwu jew bħala organizzazzjoni)

- L-Agrikoltura, il-Kaċċa u l-Forestrija
- L-Intermedjazzjoni Finanzjarja
- Is-Sajd
- Il-Proprjetà Immobbli, il-Kiri u l-Attivitajiet ta' Negozju
- It-Tħaffir fil-Minjieri u fil-Barrieri
- L-Amministrazzjoni Pubblika u d-Difiża
- Il-Manifattura
- L-Edukazzjoni
- Il-Provvista tal-Elettriku, tal-Gass u tal-Ilma
- Is-Saħħa u l-Ħidma Soċjali
- Il-Kostruzzjoni
- Is-Servizzi Komunitarji, Soċjali u Personali Oħrajn
- Il-Kummerċ bl-Ingrossa u bl-Imnut
- L-Attivitajiet ta' impjieg fid-Djar Privati
- Il-Lukandi u r-Ristoranti
- L-Organizzazzjonijiet u l-Korpi Extraterritorjali
- It-Trasport, il-Ħżin u l-Komunikazzjonijiet
- Oħrajn

Jekk jogħġbok speċifika:

*massimu ta` 300 karattru(i)*

Jekk inti organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jew ta' amministrazzjoni pubblika, jekk jogħġbok indika l-qasam ewlieni li tiffoka fuqu jew il-qasam ta' kompetenza tiegħek

*massimu ta` 300 karattru(i)*

* Konfigurazzjonijiet tal-privatezza tal-pubblikazzjoni

Il-Kummissjoni se tippubblika t-tweġibiet għal din il-konsultazzjoni pubblika. Tista' tagħżel jekk id-dettalji tiegħek jiġux ippubblikati jew jekk jibqgħux anonimi.

- **Anonimi**
  Se jiġu ppubblikati biss it-tip ta' rispondent, il-pajjiż tal-oriġini u l-kontribut tiegħek. Id-dettalji personali kollha l-oħrajn (l-isem, l-isem u d-daqs tal-organizzazzjoni, in-numru tar-reġistru ta' trasparenza) mhumiex se jiġu ppubblikati.
- **Pubbliku**
  Id-dettalji personali tiegħek (l-isem, l-isem u d-daqs tal-organizzazzjoni, in-numru tar-reġistru ta' trasparenza, il-pajjiż tal-oriġini) se jiġu ppubblikati flimkien mal-kontribut tiegħek.

Tajjeb li tkun taf li tkun xi tkun l-għażla li tagħmel, il-kontribut tiegħek jista' jkun soġġett għal talba għal aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. F'dan il-każ, it-talba se tiġi vvalutata skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

- [ ] Naqbel mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* personali

## PARTI I

**Tajjeb li tkun taf li m'intix obbligat twieġeb għaż-żewġ partijiet tal-kwestjonarju, u tista' tagħżel li timla parti waħda biss. Barra minn hekk, m'intix obbligat twieġeb il-mistoqsijiet kollha fil-kwestjonarju.**

## PARTI I

## 1 Ambizzjoni klimatika globali għall-2030, opportunitajiet u sfidi

### 1.1. Mira għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra għall-UE

*L-UE stabbiliet għaliha nnifisha mira li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra domestikament b'mill-inqas 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990, li żżid b'mod sinifikanti t-tnaqqis annwali meta mqabbel mat-tnaqqis miksub matul l-aħħar 3 għexieren ta' snin. L-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli kif miftehma fil-livell tal-UE għall-2030 hija fil-fatt stmata li twassal għal tnaqqis ta' madwar 45 % tal-emissjoni ta' gassijiet serra sal-*

*2030.*

Bl-għan li jintlaħaq l-objettiv tal-UE li ġie miftiehem dan l-aħħar li tinkiseb newtrali għall-klima sal-2050 u li l-azzjoni klimatika u ambjentali ta' tniġġis żero tiġi rikonoxxuta dejjem aktar bħala urġenti, liema għandha tkun il-mira tal-UE għall-2030 biex tnaqqas il-gassijiet b'effett ta' serra domestikament?

- Din għandha tibqa' l-istess b'mira li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE b'mill-inqas 40 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.
- Għandha tiżdied b'mill-inqas 50 %.
- Għandha tiżdied b'mill-inqas 55 %.

1.2 Opportunitajiet u sfidi assoċjati ma' livell ogħla ta' ambizzjoni klimatika fl-2030

Liema waħda minn dawn l-**opportunitajiet** imniżżla fil-lista ta' hawn taħt, tqis bħala l-aktar waħda rilevanti biex tintlaħaq ambizzjoni klimatika aktar impenjattiva sal-2030?

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda.

- [ ] Dan se jkun iċ-ċans li nagħmlu l-parti tagħna biex insalvaw il-pjaneta u b' hekk naqdu d-dmir tagħna lejn il-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.
- [ ] Dan se jippermetti perkors aktar gradwali biex tintlaħaq UE newtrali għall-klima sal-2050
- [ ] Dan se jgħin biex jittaffew l-ispejjeż assoċjati mat-tibdil fil-klima għas-soċjetà (minn eż. avvenimenti estremi tat-temp, nixfiet, telf ta' ekosistemi eċċ.)
- [ ] Dan se jiżgura ekonomija tal-UE li qed tikber imsejsa fuq mudelli ġodda ta' produzzjoni u ta' konsum (eż. l-approċċ tal-ekonomija ċirkolari)
- [ ] Dan se jsaħħaħ it-tmexxija tal-UE u jispira azzjoni għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima madwar id-dinja
- [ ] Dan se joħloq impjiegi (ekoloġiċi) ġodda, inklużi dawk li huma diffiċli biex jiġu esternalizzati barra mill-UE (eż. il-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, il-kostruzzjoni)
- [ ] Dan se jnaqqas it-tniġġis, itejjeb is-saħħa, jgħin sabiex l-ibliet u l-bini jkun aktar abitabbli u b'hekk iżid il-benesseri taċ-ċittadini.
- [ ] Dan se jqiegħed lill-industrija tal-UE f'vantaġġ bħala l-innovatur ewlieni fis-swieq globali
- [ ] Dan se jtejjeb is-sigurtà tal-enerġija u jnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili importati
- [ ] Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika fil-kaxxa tat-tweġiba)

Jekk jogħġbok speċifika:

*massimu ta` 300 karattru(i)*

Liema waħda minn dawn l-**isfidi** mniżżla fil-lista' ta' hawn taħt tqis bħala l-aktar waħda rilevanti biex tintlaħaq ambizzjoni klimatika aktar impenjattiva sal-2030.

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda

- [ ] 

- Dan se jirrappreżenta sfida sinifikanti ta' investiment għas-setturi tal-industrija, tas-servizzi, tat-trasport u tal-enerġija tal-UE. L-ispejjeż tal-investimenti x'aktarx li jiġu mgħoddija lill-konsumaturi permezz ta' prezzijiet jew taxxi ogħla
- [ ] Dan x'aktarx se jwassal għal bidla strutturali u għal tibdil fir-rekwiżiti tal-ħiliet fl-ekonomija, u b'mod partikolari jwassal għal tnaqqis fis-setturi u l-impjiegi marbuta mal-estrazzjoni tal-fjuwils fossili u l-manifattura b'intensità qawwija tal-karbonju
- [ ] Dan ser ibiddel il-politika eżistenti u se jwassal għal tnaqqis taż-żmien meħtieġ biex jitfasslu u jiġu implimentati miżuri addizzjonali u biex l-atturi ekonomiċi jiġu aġġustati.
- [ ] It-tranżizzjoni simultanja lejn ekonomija u soċjetà newtrali għall-klima, ċirkolari u diġitali tista' twassal għal riallokazzjoni sinifikanti tax-xogħol bejn setturi, impjiegi u reġjuni. In-negozji, speċjalment l-SMEs, jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' sfidi marbuta mat-taħriġ mill-ġdid u biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed ħaddiema
- [ ] Dan jista' jwassal għal inugwaljanzi fis-soċjetà minħabba kost inizjalment ogħla ta' prodotti ekoloġiċi, ikel u trasport sostenibbli u enerġija rinnovabbli, li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-persuni/reġjuni bi dħul aktar baxx u jikkontribwixxi għall-faqar enerġetiku
- [ ] Anke b'mira aktar ambizzjuża għall-2030, huwa diffiċli li tiġi żgurata azzjoni suffiċjenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq il-post
- [ ] Jekk taġixxi waħedha, l-UE se taqa' lura f'termini ta' kompetittività internazzjonali
- [ ] Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika fil-kaxxa tat-tweġiba)

Jekk jogħġbok speċifika:

*massimu ta` 300 karattru(i)*

1.3 Bilanċ tal-opportunitajiet u tal-isfidi

Għall-opportunitajiet u għall-isfidi li indikajt fil-mistoqsijiet ta' hawn fuq, taħseb li l-opportunitajiet jegħlbu l-isfidi fil-ħajja tiegħek ta' kuljum (jekk qed iwieġbu l-individwi) jew fis-settur tal-attività (jekk qed iwieġbu l-organizzazzjonijiet /awtoritajiet)?

- ( ) Naqbel
- ( ) Ma naqbilx
- ( ) Ma nafx/M'għandix opinjoni

## PARTI I

## 2 Azzjoni settorjali u potenzjal biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030

2.1 Importanza tal-kontributi skont is-setturi

Jekk jogħġbok agħti prijorità lis-setturi fejn tqis li jinħtieġu l-aktar sforzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiżdiedu l-assorbimenti mill-perspettiva ta' mira ikbar ta' tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra għall-2030.

Prijoritajiet minn 1 (l-aktar importanti) sa 8 (l-inqas importanti)

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-servizzi (inkluż l-ICT) | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Il-bini | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| L-industrija | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Il-mobbiltà/it-trasport | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Il-provvista tal-enerġija | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| L-agrikoltura | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Il-forestrija | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Il-ġestjoni tal-iskart | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |

## 2.2 Sistema tal-enerġija

*Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija għadhom ibbażati fuq il-fjuwils fossili u jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE. Biex tinkiseb in-newtralità għall-klima sal-2050, dan se jeħtieġ li jinbidel radikalment.*

Fl-opinjoni tiegħek, jekk l-UE trid tikseb mira ogħla ta' tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra fl-2030, xi jkunu l-ixprunaturi ewlenin tat-tranżizzjoni tal-enerġija meħtieġa sal-2030?

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda.

- ☐ Effiċjenza akbar fl-enerġija
- ☐ Penetrazzjoni akbar tal-enerġija rinnovabbli
- ☐ L-użu tal-enerġija nukleari għall-ġenerazzjoni tal-enerġija
- ☐ L-elettrifikazzjoni tal-użu finali tal-enerġija
- ☐ Eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili solidi
- ☐ Rwol aktar limitat tal-gass naturali
- ☐ Akkoppjament aħjar tas-settur bejn is-setturi tal-gass u tal-elettriku
- ☐ Użu ta' teknoloġiji għall-ġbir u l-użu tal-karbonju
- ☐ L-użu ta' trasportaturi tal-enerġija newtrali għall-karbonju bħall-idroġenu aħdar/blu, il-bijometan, il-gass elettroniku jew il-fjuwils elettroniċi
- ☐ Ħtieġa inqas ta' enerġija permezz ta' bidliet fl-istil tal-ħajja (eż. bl-użu ta' modi attivi ta' trasport, approċċi ta' ekonomija ċirkolari)
- ☐ Ma nafx/M'għandix opinjoni

## 2.3 Ambizzjoni tal-enerġija rinnovabbli

*Fil-leġiżlazzjoni eżistenti, il-mira fil-livell tal-UE hija li jkun hemm sehem ta' mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-2030. Il-kostijiet tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli naqsu b'mod sinifikanti tul dawn l-aħħar snin.*

Fil-fehma tiegħek, liema ambizzjoni jeħtieġ tadotta l-UE b'rabta mal-mira tagħha għall-2030 fejn tidħol l-enerġija rinnovabbli biex din tikkontribwixxi għall-mira tal-UE biex sal-2030 titnaqqas l-emissjoni ta' gassijiet serra (inti indikajt din il-mira fil-mistoqsija **1.1**) u għall-objettiv fit-tul tal-UE biex tinkiseb newtralità għall-klima sal-2050?

- Jinkiseb mill-inqas sehem ta' 32 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-UE sal-2030, jiġifieri mingħajr tibdil fil-livell diġà miftiehem
- Jinkiseb mill-inqas sehem ta' 35 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-UE sal-2030
- Jinkiseb mill-inqas sehem ta' 40 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-UE sal-2030
- Jinkiseb livell ogħla ta' ambizzjoni ta' sehem ta' mill-inqas ta' 40 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-UE sal-2030
- Ma nafx/M'għandix opinjoni

## 2.4 Ambizzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija

*Fil-leġiżlazzjoni eżistenti, il-mira fil-livell tal-UE hija li jkun hemm mill-inqas 32.5 % ta' effiċjenza fl-enerġija fl-2030 [1] kemm fil-konsum primarju kif ukoll f'dak finali tal-enerġija u l-UE impenjat ruħha għall-prinċipju "l-Effiċjenza fl-Enerġija tiġi l-ewwel" [2].*

*[1] Meta mqabbel mal-Linja bażi tal-2007.*

*[2] "L-Effiċjenza fl-Enerġija tiġi l-ewwel" tfisser li fid-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar, il-politika u l-investimenti marbutin mal-enerġija, jitqiesu bir-reqqa l-miżuri alternattivi ta' kostefficjenza tal-effiċjenza fl-enerġija sabiex id-domanda u l-provvista tal-enerġija tkun aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz ta' ffrankar enerġetiku kostefficjenti fil-konsum finali, ta' inizjattivi ta' ġestjoni tad-domanda u konverżjoni, ta' trażmissjoni u distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija filwaqt li fl-istess ħin jintlaħqu l-objettivi ta' dawk id-deċiżjonijiet (Ir-Regolament (UE) 2018/1999).*

Fil-fehma tiegħek, liema għandha tkun l-ambizzjoni meħtieġa tal-UE għall-effiċjenza fl-enerġija fl-2030 biex tikkontribwixxi għall-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra tal-2030 (inti indikajt din il-mira fil-mistoqsija **1.1**) u għall-objettiv fit-tul tal-UE biex tinkiseb newtralità għall-klima sal-2050?

- Tinkiseb effiċjenza fl-enerġija ta' mill-inqas 32.5 % (kemm fil-konsum primarju kif ukoll f'dak finali tal-enerġija) sal-2030, jiġifieri mingħajr tibdil fil-livell diġà miftiehem
- Tinkiseb effiċjenza fl-enerġija ta' mill-inqas 35 % (kemm fil-konsum primarju kif ukoll f'dak finali tal-enerġija) sal-2030
- Tinkiseb effiċjenza fl-enerġija ta' mill-inqas 40 % (kemm fil-konsum primarju kif ukoll f'dak finali tal-enerġija) sal-2030
- Jinkiseb livell ogħla ta' ambizzjoni ta' mill-inqas ta' 40 % effiċjenza fl-enerġija (kemm fil-konsum primarju kif ukoll f'dak finali tal-enerġija) sal-2030
- Ma nafx/M'għandix opinjoni

## 2.5 Rwol tal-fjuwils fossili

2.5.1 Fjuwils fossili solidi

*Il-fjuwils fossili solidi, bħall-faħam, il-linjite, il-pit u żejt tax-shale (minn hawn' il quddiem imsejħa "fjuwils fossili solidi") appoġġaw bil-kbir l-iżvilupp tal-ekonomiji tagħna mir-rivoluzzjoni industrijali 'l hawn. Fl-istess ħin, dawn il-fjuwils iwasslu għal emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra u għal emissjonijiet oħra li jniġġsu. Għalhekk, l-użu tagħhom mingħajr ma jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom mhuwiex kompatibbli mal-objettiv ta' newtralità għall-klima tal-UE għall-2050.*

Fl-opinjoni tiegħek, dan kif jista' jiġi indirizzat barra mil-leġiżlazzjoni eżistenti u l-miri tat-tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra għall-2030 u l-2050?

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda.

- ☐ L-ebda intervent pubbliku ieħor ma huwa meħtieġ barra mill-qafas eżistenti
- ☐ Regolarizzazzjoni fil-livell nazzjonali, billi tiġi imposta eliminazzjoni gradwali ta' fjuwils fossili solidi fil-ġenerazzjoni tal-enerġija sa ċerta data
- ☐ Regolarizzazzjoni fil-livell nazzjonali, billi tiġi imposta eliminazzjoni gradwali ta' fjuwils fossili solidi fit-tisħin sa ċerta data
- ☐ Indikazzjoni ċara lill-konsumaturi li l-użu ta' fjuwils fossili solidi fit-tisħin ma huwiex sostenibbli
- ☐ L-għoti ta' sinjal aktar b'saħħtu bil-prezz fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali sabiex il-fjuwils fossili solidi ma jibqgħux jintużaw u minflok jintużaw fjuwils oħra (eż. permezz ta' tassazzjoni tal-karbonju jew tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet)
- ☐ Eliminazzjoni gradwali ta' kwalunkwe appoġġ pubbliku għall-investimenti u l-użu relatati tal-fjuwil fossili solidu.
- ☐ Promozzjoni ta' teknoloġiji nodfa (bħall-ġbir u l-ħżin/l-użu tal-karbonju), li jistgħu jippermettu l-kontinwazzjoni tal-konsum tal-fjuwils fossili solidi
- ☐ Promozzjoni tal-ġenerazzjoni ta' enerġija mingħajr karbonju u l-elettrifikazzjoni tad-domanda finali (eż. ġenerazzjoni tal-enerġija bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, il-pompi tas-sħana u l-vetturi elettriċi)
- ☐ Ma nafx/M'għandix opinjoni

2.5.2 Gass naturali

Fil-fehma tiegħek, il-gass naturali u l-gassijiet oħra jistgħu jgħinu lis-sistema tal-enerġija tal-UE tiddekarbonizza u tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-2030 bl-għan li jintlaħaq l-objettiv fit-tul tal-UE li tinkiseb newtralità għall-klima sal-2050?

- ○ Iva, il-gass naturali jista' jgħin lill-UE tilħaq il-miri tal-2030 peress li huwa alternattiva, aktar favur il-klima, għall-faħam jew iż-żejt fit-tisħin, fit-trasport u fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u huwa sors ta' flessibbiltà għal sistema tal-enerġija li dejjem qed issir aktar rinnovabbli bbażata fuq l-enerġija
- ○ Il-gass naturali jista' jkollu rwol bħala fjuwil ta' tranżizzjoni iżda, sa mhux aktar tard mill-2030, għandu jiġi sostitwit dejjem aktar b'alternattivi li ma fihomx karbonju, bħall-bijogass, il-bijometan, l-idroġenu ekoloġiku u l-gass elettroniku
- ○

Il-gass naturali huwa fjuwil fossili u l-użu kontinwu tiegħu se jagħmilha aktar diffiċli biex tintlaħaq il-mira tal-2030 u se jinħolqu effetti ta' intrappolament fit-tul; enfasi fuq l-effiċjenza u l-elettrifikazzjoni tal-enerġija tgħin biex titnaqqas id-domanda għall-gass naturali

- Ma nafx/M'għandix opinjoni

## 2.6 Bini

*Illum il-binjiet huma responsabbli għal 40 % tal-konsum finali tal-enerġija, inkluż il-konsum tal-elettriku. Barra minn dan, il-binjiet jiġġeneraw 13 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-UE (34 % jekk jiġu inklużi emissjonijiet indiretti li ġejjin mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u mit-tisħin distrettwali). Il-binjiet jistgħu jiġu dekarbonizzati u l-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom tista' titjieb permezz ta' għadd ta' soluzzjonijiet.*

### 2.6.1 Binjiet residenzjali — soluzzjonijiet għas-sidien tad-djar

Għal binjiet residenzjali, jekk jogħġbok ikklassifika l-għażliet hawn taħt biex tindika dak li tqis bħala l-aktar soluzzjonijiet rilevanti lejn djar newtrali għall-klima għas-sidien tad-djar.

Klassifikazzjoni minn 5 (rilevanti ħafna) sa 1 (ftit li xejn rilevanti). Mhux l-għażliet kollha jeħtieġ jiġu kklassifikati.

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Sostituzzjoni tas-sistema attwali ta' tisħin u ta' tkessiħ b'waħda aktar effiċjenti (eż. bdil ta' bojler tal-gass b'pompa tas-sħana) | | | | | |
| Sostituzzjoni ta' tagħmir ta' tisħin antik jew ineffiċjenti bl-użu tal-bijoenerġija, tal-fjuwils fossili likwidi jew solidi | | | | | |
| Użu ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post (eż. il-bijomassa, it-termali solari, il-pannelli fotovoltajċi, il-ġeotermika) jew lil hinn mis-sit permezz ta' netwerks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali | | | | | |
| It-titjib tal-proprjetajiet termali tal-involukru tal-bini permezz ta' iżolament aħjar u twieqi | | | | | |
| L-użu ta' teknoloġiji intelliġenti (eż. sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini, kontrolli tat-temperatura ambjentali, arloġġi intelliġenti) | | | | | |
| Użu akbar tal-apparati effiċjenti fl-enerġija | | | | | |

### 2.6.2 Binjiet mhux residenzjali — soluzzjonijiet għas-sidien tal-bini

Għal binjiet mhux residenzjali bħal uffiċċji, ħwienet, sptarijiet, skejjel, jekk jogħġbok ikklassifika l-għażliet hawn taħt biex tindika dak li tqis bħala l-aktar soluzzjonijiet rilevanti lejn bini newtrali għall-klima għas-sidien tal-bini.

Klassifikazzjoni minn 5 (rilevanti ħafna) sa 1 (ftit li xejn rilevanti). Mhux l-għażliet kollha jeħtieġ jiġu kklassifikati.

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| L-użu ta' sistemi ta' awtomatizzazzjoni u ta' kontroll tal-bini u ta' teknoloġiji ta' bini intelliġenti | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib tal-proprjetajiet termali tal-involukru tal-bini permezz ta’ iżolament aħjar u twieqi | | | | | |
| Introduzzjoni ta’ sistemi ta’ tisħin u tkessiħ effiċjenti fl-użu tal-enerġija | | | | | |
| Użu ta’ enerġija rinnovabbli fuq il-post (eż. il-bijomassa, it-termali solari, il-pannelli fotovoltajċi, il-ġeotermika) jew lil hinn mis-sit permezz ta’ netwerks ta’ tisħin/tkessiħ distrettwali | | | | | |
| Applikazzjoni tas-sistemi ta’ ġestjoni tal-enerġija | | | | | |

## 2.7 Industrija

*L-industrija hija responsabbli għal 25 % tal-konsum finali tal-enerġija u għal madwar 20 % tal-emissjonijiet totali ta’ gassijiet serra. It-tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet tagħhom sabiex jikkontribwixxu għan-newtralità għall-klima sal-2050 u biex tintlaħaq l-ambizzjoni ta’ tniġġis żero hija sfida partikolari, u se tirrikjedi li t-teknoloġiji jkunu ttestjati u użati fuq skala tul il-perjodu ta’ żmien sal-2030, filwaqt li jitqiesu ċ-ċikli ta’ investiment fl-industrija.*

Jekk jogħġbok ikklassifika l-entrati fit-tabella ta’ hawn taħt biex tindika l-importanza tat-teknoloġiji u ta’ soluzzjonijiet oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra f’installazzjonijiet industrijali, fil-perjodu ta’ żmien sal-2030.

Klassifikazzjoni minn 5 (rilevanti ħafna) sa 1 (ftit li xejn rilevanti). Mhux l-għażliet kollha jeħtieġ jiġu kklassifikati.

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Effiċjenza akbar fl-enerġija tal-proċessi industrijali | | | | | |
| L-elettrifikazzjoni tal-proċessi industrijali | | | | | |
| L-użu ta’ idroġenu f’applikazzjonijiet industrijali bħal eż. fjuwil, materja prima jew aġent riduċenti | | | | | |
| L-użu ta’ fjuwils elettroniċi f’applikazzjonijiet industrijali | | | | | |
| L-użu tal-bijomassa sostenibbli bħala materja prima (eż. fl-industrija tas-sustanzi kimiċi) | | | | | |
| L-użu tal-bijomassa sostenibbli bħala fjuwil | | | | | |
| L-użu tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju jew il-ġbir u l-użu tal-karbonju | | | | | |
| L-iżvilupp ta’ ekonomija aktar ċirkolari fejn il-prodotti u l-materjali huma aktar użati mill-ġdid u rriċiklati, filwaqt li jiġu żviluppati kunċetti ġodda tan-negozju | | | | | |
| Is-sostituzzjoni ta’ prodotti b’intensità qawwija ta’ emissjonijiet għal prodotti alternattivi prodotti mingħajr emissjonijiet jew b’emissjonijiet baxxi ta’ gassijiet serra | | | | | |

## 2.8 Mobbiltà: trasport bit-triq

*Tajjeb li tkun taf li l-Kummissjoni se tniedi wkoll konsultazzjoni pubblika rilevanti għall-Istrateġija dwar "Il-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti".*

*It-trasport bit-triq huwa responsabbli għal madwar 70 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE fit-trasport u madwar 20 % tal-emissjonijiet totali tal-UE. Għalhekk, dan għandu rwol importanti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u kwalunkwe żieda fl-ambizzjoni tal-mira tat-tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra għall-2030. L-UE għandha għadd ta' politiki fis-seħħ, bħal pereżempju t-tassazzjoni minima fuq il-fjuwil u l-miri għall-2025 u l-2030 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' karozzi, vannijiet u trakkijiet ġodda.*

Fid-dawl tal-isfidi klimatiċi u ambjentali, jekk jogħġbok ikklassifika kemm huwa importanti li l-azzjoni tal-UE tiffoka fuq l-oqsma li ġejjin.

Ikklassifika minn 5 (l-aktar importanti) sa 1 (ftit li xejn importanti). Mhux l-għażliet kollha jeħtieġ jiġu kklassifikati.

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tas-sehem tal-modalitajiet ta' trasport aktar sostenibbli (eż. l-appoġġ għall-multimodalità, il-mod ta' trasport attiv bħall-mixi u ċ-ċikliżmu) | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| It-titjib fl-effiċjenza tas-sistema kollha tat-trasport (eż. permezz ta' sistemi aħjar ta' ġestjoni tat-traffiku) | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Iż-żieda fl-użu ta' vetturi nodfa bħall-vetturi elettriċi u li jaħdmu bl-idroġenu (eż. standards tal-emissjonijiet) u li tiġi żgurata l-integrazzjoni effiċjenti tagħhom fil-grilja tal-enerġija | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Iż-żieda fl-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli (eż. l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' ċċarġjar mill-ġdid/ta' alimentazzjoni, mandati ta' taħlit) | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| L-inċentivar ta' għażliet tajbin tal-konsumatur u tal-prattiki ta' mobbiltà b' emissjonijiet baxxi (eż. żieda fl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas", informazzjoni aħjar lill-konsumatur dwar il-marka tal-karbonju) | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| Iż-żieda fl-investiment fl-infrastruttura u fis-soluzzjonijiet tat-trasport sostenibbli (eż. il-ferroviji b'veloċità għolja, il-passaġġi tal-ilma interni, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-alimentazzjoni) | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| It-trawwim tal-użu ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi fit-trasport | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |
| It-titjib tal-affordabbiltà u tal-aċċessibbiltà tat-trasport sostenibbli | ○ | ○ | ○ | ○ | ○ |

Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-ostakli ewlenin għall-adozzjoni mis-suq ta' vetturi b' emissjonijiet żero?

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda

- ☐ Il-prezz tax-xiri ta’ vetturi b’emissjonijiet baxxi jew żero
- ☐ Id-disponibbiltà ta’ infrastruttura ta’ ċċarġjar/ta’ alimentazzjoni
- ☐ Id-disponibbiltà tal-mudelli ta’ vetturi
- ☐ Il-kapaċità insuffiċjenti tal-medda
- ☐ It-trattament fiskali ta’ vetturi b’emissjonijiet baxxi jew żero
- ☐ Oħrajn

2.9 Agrikoltura, Użu tal-Forestrija u Użu tal-Art

*L-użu tal-art jista’ jikkontribwixxi biex inaqqas l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra billi jissostitwixxi l-fjuwils b’intensità qawwija ta’ karbonju u l-fjuwils fossili bil-bijomassa u billi jżid l-assorbiment tas-$CO_2$ fil-karbonju fil-ħamrija u fil-bijomassa. Min-naħa l-oħra, il-prattiki agrikoli stess jarmu emissjonijiet ta’ gassijiet serra, u l-ħażna tal-injam u l-prattiki agrikoli jarmu $CO_2$ mill-foresti u l-artijiet.*

Fil-fehma tiegħek, liema waħda minn dawn is-soluzzjonijiet imniżżla hawn taħt għandha l-aktar siewi biex tnaqqas l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra u biex iżżid it-tneħħija tas-$CO_2$ fis-setturi tal-użu tal-art?

Tista’ tagħżel aktar minn tweġiba waħda.

- ☐ L-afforestazzjoni biex tiżdied il-kopertura tal-foresti fl-Ewropa
- ☐ Il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, ir-restawr u l-preservazzjoni tal-foresti biex jiġi żgurat li l-foresti eżistenti jassorbu aktar $CO_2$
- ☐ L-iżgurar li l-foresti huma sors ta’ materjal għall-bijoekonomija, filwaqt li jiġu segwiti prattiki ta’ ġestjoni sostenibbli tal-foresti
- ☐ It-titjib tal-prattiki agrikoli li jippermettu l-ħażna ta’ aktar $CO_2$ fil-ħamrija agrikola u jnaqqsu l-attivitajiet li jirrilaxxaw tali karbonju fil-ħamrija
- ☐ Il-promozzjoni tal-agroforestrija u l-prattiki agroekoloġiċi
- ☐ L-agrikoltura/akkwakultura bħala sors ta’ bijomassa għall-bijoenerġija u l-bijofjuwils: *Ibbażata fuq l-għelejjel tal-ikel*
- ☐ L-agrikoltura/akkwakultura bħala sors ta’ bijomassa għall-bijoenerġija u l-bijofjuwils: *Ibbażata fuq l-iskart agrikolu*
- ☐ L-agrikoltura/akkwakultura bħala sors ta’ bijomassa għall-bijoenerġija u l-bijofjuwils: *Ibbażata fuq il-bijomassa mill-injam (eż. perenni, għelejjel bl-injam u erbaċej, imsajġar b’newba qasira)*
- ☐ L-agrikoltura/akkwakultura bħala sors ta’ bijomassa għall-bijoenerġija u l-bijofjuwils: *Ibbażata fuq il-produzzjoni tal-alga*
- ☐ Il-konservazzjoni u restawr ta’ ħamrija organika, artijiet mistagħdra, torbieri
- ☐ Il-konservazzjoni u r-restawr tal-bwar
- ☐ It-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-bhejjem
- ☐ It-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-fertilizzanti, inkluż permezz ta’ użu mnaqqas ta’ fertilizzanti, fl-agrikoltura
- ☐ It-tnaqqis tal-emissjonijiet minn prattiki ta’ ħdim tar-raba’ fl-agrikoltura
- ☐ It-trasferiment tal-ikel u tal-produzzjoni tal-ikel minn akkwakultura għal akkwakultura sostenibbli

# PARTI I

## 3 Kundizzjonijiet abilitanti u politiki oħra

### 3.1 Għażla tal-konsumatur

L-għażliet tal-konsumaturi u l-bidla fl-imġiba jistgħu jħallu impatt konsiderevoli fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Liema bidliet potenzjali tqis li għandhom l-ogħla potenzjal biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra?

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda

- [ ] Nuża l-karozza inqas. Nimxi, nuża r-rota u nuża t-trasport pubbliku aktar ta' spiss
- [ ] Nivvjaġġa inqas bl-ajruplan jew nibdlu b'alternattivi li jarmu inqas emissjonijiet, bħall-ivvjaġġar bil-ferrovija jew vidjokonferenzi
- [ ] Inbiddel id-dieta tiegħi lejn waħda aktar b'saħħitha u b'intensità ta' karbonju inqas
- [ ] Nevita konsum żejjed, billi nibdel id-domanda għal tagħmir, ilbies u prodotti oħra
- [ ] Naqleb għal mudelli ta' negozju ta' prodott-bħala-servizz (eż. lokazzjoni pjuttost milli sjieda ta' prodotti) jew mudelli ta' negozju ċirkolari oħrajn (eż. kondiviżjoni)
- [ ] Niċċaqilqu lejn bini aktar effiċjenti fl-enerġija u fil-materjal
- [ ] Innaqqas u nirriċikla aktar l-iskart tiegħi

### 3.2 Tranżizzjoni ġusta u impjiegi

*Mira ambizzjuża għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE se tirrappreżenta sfida ta' tranżizzjoni għall-ekonomija kollha kemm hi u għaċ-ċittadini. Huwa essenzjali li l-ispejjeż ta' din it-tranżizzjoni jinqasmu. Jekk l-ispejjeż ikunu sproporzjonati għal xi gruppi tas-soċjetà, qed jiġu proposti miżuri biex innaqqsuhom. Bl-istess mod, il-benefiċċji għandhom jinqasmu bejn il-gruppi kollha tas-soċjetà.*

Liema tip ta' azzjonijiet għandha tappoġġa l-UE fil-kuntest tal-għodod ta' finanzjament tagħha skont il-politika tal-klima bħall-Fond għall-Modernizzazzjoni skont l-EU ETS biex tiġi promossa tranżizzjoni ġusta u soċjalment ibbilanċjata?

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda.

- [ ] Diversifikazzjoni u modernizzazzjoni ekonomika li titbiegħed mill-użu ta' fjuwils fossili
- [ ] Modernizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija li tiffoka fuq l-effiċjenza fl-enerġija u l-użu tal-enerġiji rinnovabbli
- [ ] It-taħriġ mill-ġdid ta' ħaddiema f'setturi b'intensità għolja ta' gassijiet b'effett ta' serra jew f'setturi li jipproduċu prodotti b'intensità għolja ta' gassijiet b' effett ta' serra
- [ ] Politiki soċjali u ta' protezzjoni soċjali, bħal politiki li jindirizzaw il-faqar enerġetiku u jappoġġaw it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol
- [ ] Oħrajn

3.3 Tassazzjoni u pprezzar tal-karbonju: użu tad-dħul

L-ipprezzar tal-karbonju, filwaqt li jżid l-ispejjeż tal-enerġija, joffri wkoll il-possibbiltà li jintuża d-dħul b'mod li jkun ta' benefiċċju. Liema minn dawn li ġejjin tqis bħala l-aktar mod utli kif tuża r-rikavati minn strument tal-ipprezzar tal-karbonju?

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda.

- Riċiklaġġ tad-dħul permezz ta' tnaqqis fit-taxxi tax-xogħol (jiġifieri riforma tas-sistemi tat-taxxa biex isiru aktar favur l-impjieg)
- L-użu tad-dħul biex jiġu kkumpensati unitajiet domestiċi bi dħul baxx, jew gruppi vulnerabbli oħra
- L-użu tad-dħul biex jiġu appoġġati l-familji bi dħul baxx fil-proċess ta' tranżizzjoni (eż. sussidji mmirati għall-iżolament tad-djar u għall-effiċjenza fl-enerġija jew għall-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet)
- L-użu tad-dħul biex jiġi ffinanzjat l-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi, l-użu ta' infrastruttura ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, eċċ.
- L-użu tad-dħul biex jiġi appoġġat il-proċess ta' tranżizzjoni ġusta fir-reġjuni vulnerabbli

3.4 Riċerka, innovazzjoni u użu

Fil-fehma tiegħek, fejn ikun l-aktar importanti l-finanzjament tar-riċerka tal-gvern biex jinkiseb tnaqqis akbar tal-emissjonijiet sal-2030 bil-ħsieb li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050. Jekk jogħġbok tagħżilx aktar minn ħames għażliet.

Tista' tagħżel aktar minn tweġiba waħda.

- Xjenza klimatika
- Ekonomija tal-idroġenu u ċelluli tal-fjuwil
- Fjuwils sintetiċi
- Industrija ċirkolari, b'emissjonijiet żero tal-karbonju
- Teknoloġiji tal-ġbir, l-użu u l-ħżin tal-karbonju
- Effiċjenza fl-enerġija
- Enerġija rinnovabbli
- Ħżin tal-enerġija
- Mobbiltà sostenibbli u intelliġenti
- Binjiet intelliġenti u sostenibbli
- Bijoekonomija, agrikoltura u forestrija, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura dwar l-art u l-baħar
- Integrazzjoni tat-teknoloġija, infrastruttura u diġitalizzazzjoni
- Riċerka u innovazzjoni soċjoekonomiċi u tal-imġiba

## PARTI I

## 4 Informazzjoni addizzjonali

Jeżistu aspetti ewlenin oħrajn li ma sibtx riflessi fil-mistoqsijiet u li tixtieq tikkummenta dwarhom?

*massimu ta` 1000 karattru(i)*

Jekk ikun xieraq, jekk jogħġbok tella' kwalunkwe materjal addizzjonali bħal dokumenti ta' pożizzjoni konċiżi jew sommarji ta' politika li jesprimu l-pożizzjoni jew il-fehmiet tiegħek jew tal-organizzazzjoni tiegħek.

Id-daqs massimu tal-fajl huwa ta' 1 MB
